**Kieku kien hemm Ġesu Kristu**

Kieku kien hemm Ġesu Kristu
kien iħallihom jiġġieldu,
u jitħanżru fuq ġid ħaddieħor?
U mhux aħwa li jitqietlu?

Kieku kien hemm Ġesu Kristu
kien iħallihom ifajru,
fuq minn ġie ġie basta jgħidu?
bi lsienhom jisparaw fl-ajru?

Kieku kien hemm Ġesu Kristu
kien iħallihom iwarrbu,
qlub għatxana għall-imħabba
Kien iħallihom jiġġarrbu?

Imma tibżax ħija w oħti
Ġesù ħelu jinsab jgħix fik,
Issokta ħobb 'l ta' madwarek
Imħabbtu tgelgel wisq għalik.

U tinkwetax jekk tiżbalja
Fil-ħajja int biss ibqa' ħobb,
Għax kollox jgħaddi, immutu
Kemm tassew ħabbejt dak li jgħodd.

Insellem 'l min qed ifittex
l-imħabba u din ma jsibhiex,
u qalbu tinstelaħ w tibki
il-ħajja imrar ma fihiex.

Imma le ħija, il-miġrugħ
Oħti kollok imbikkija,
Tibżax, għalik hemm it-tama
Ta' għożża mhix mistennija.

Qed tara kif Ġesù qed jgħix
Fik, fija, m'għandniex għax nistħu,
Issa nħobbu bl-istess qawwa
Kieku kien hemm Ġesù Kristu.

Patri Mario Attard OFM Cap
27 t'Awwissu 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.